# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar il-Hamis tletin (30) taʼ Novembru 2017**

**Rikors Numru 332/15 FDP**

**Wara l-Ittra Ufficjali bin-nmru 2696/15 fl-ismijiet**

**Automated Revenue Management Services Limited**
**(C 46054)**

**vs**

**Stephen Paul Tanti**
**(ID 331883M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat minn Stephen Paul Tanti fit 3 ta' Novembru 2015 fejn ir-rikorrenti talab lill-Qorti s-segwenti:

1) *Illi nhar 24 ta' Ottubru 2015, l-esponenti gie notifikat b'ittra ufficiali ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili liema ittra ufficiali hija datata 20 ta' Ottubru, 2015 u li ghandha bin-numru 2696/2015, liema ittra ufficjali giet mibghuta mis-societa' Automated Revenue Management Service Limited (C46054) fi-konfront tal esponenti*

2) *Illi permezz ta' l-imsemmija ittra ufficiali, l-esponenti gie formalment notifikat bl-hemm annessa dikjarazzjoni guramentata ta' Reuben Bonnici detentur ta' karta t'identita numru 448471M in rapprezentanza tas-socjeta' Automated Revenue Management Service Limited (C46054)*

3) *Illi permezz tal-istess ittra ufficiali esponenti gie ukoll interpellat sabiex ihallas s somma ta' seba' t'elef tliett mija hamsa u ghoxrin ewro u sitta u sebghin centezmu (€7,325.76) bhala arrettrati ta kera u konsum ta' dawl u ilma, spejjez amministrattivi,*

*connection u disconnection fees, flimkien ma imghax u dan in kwantu (1) kont bin numru 101000082525 ossia dwar il-fond 27, Stop N Pick, Triq il Grecja, Naxxar liema ammont jammonta ghal erba' t'elef hames mija u tliett ewro u sitta u tmenin centezmu (€4,503.86); (2) kont bin-numru 101000088160 fl-ammont ta' elfejn tmien mija u wiehed u ghoxrin ewro u disghin centezmu (€2,821.90) ghal fond bl indirizz Garage 62, Triq il Grecia, Naxxar;*

4) *Illi l-esponenti qieghed jopponi l-pretensjoni tas-socjeta' Automated Revenue Management Service Limited (C 46054) u jinterponi dan l-umli rikors ai fini tal-Artikolu 466 (2) tal-Kodici ta' organizzazzjoni u Procedura Civili ghar ragunijiet segwenti:*

   i) *Illi preliminariament l-esponent jirrileva illi huwa kien diga avvicina lis-Societa' Automated Revenue Management Service Limited (c 46054) rigward kontijiet illi kienu qeghdin jintbghatu lilu ghal liema kontijiet huwa ma kienx responsabli stante illi huwa ma kienx qad ghandu pusses tal-istess fond u dan in vista tal-fatt illi huwa ittermina l-kirja tal-fond u l-garage li jinsabu Triq il-Grecja, Naxxar fl-ahhar ta Dicembru 2011.*

   ii) *Illi tant kemm is-Socjeta' konvenuta kienet a konoxxenza ta' dan kollhu illi ta l-esponent ghamel laqgha mas Societa' konvenuta li kienet ged tigi rapprezentata min Steve Ellul l-esponent kien gie infurmat illi l-ammont li huwa ghandu jhallas kien dak komplessivament ta' disa mija u hamsin ewro u erbghin centezmu (€950.40) liema ammont illum gie saldat.*

   iii) *Illi l-esponenti kien ukoll ipprezeznta lis-Socjeta konvenuta prova tal kuntratt illi juri illi dan il fond u l-garage kienu gew mikrija lil terzi persuni fejn is Societa' kienet infurmat lil esponenti illi huwa ma huwiex responsabbli tal ammont dovut stante illi l-ammont li kien dovut minnu kien gie mhallas.*

   iv) *Illi fil-fatt l-istess Socjeta' hadet notament ta' dan il fatt fejn infurmat anke lir rikorrenti illi peress li huwa ha interess dirett tant illi hallas anke is sehem tieghu tal-kont surriferit illi ma kienux ser jittiehdu ebda proceduri legali fil-konfront tieghu. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kien ben sorpriz meta minkeija li hallas dak kollhu dovut minnu ircieva t-ittra ufficiali surriferita.*

   v) *Illi ghalhekk l-precitata pretensjoni tas-societa' ARMs Ltd dedotta permezz tal-fuq imsemmija ittra ufficiali u dikjarazzjoni guramentata hija bbazata fuq suppozzizzjonjiet u konsiderazzjonijiet li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li l esponenti ma jaqbilix illi tali somma hija dovuta minnu u ghalhekk ma jinkorrux ic-cirkostanzi li huma necessarji fil-Ligi sabiex jintitolaw lill-istess societa' ARMS Ltd sabiex tizufruwixxi mill-procedura elenkata fl-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta Malta.*

   vi) *Illi ghalhekk huma terzi persuni ohra li huma responsabbli ghal imsemmi bilanc u dan wara li r-rikorrenti hallas sehmu mil-kont kif hawn fuq spiegat.*

*Ghaldqastant u in vista tas-suespost u ghal dawk ir-ragunijiet li ser jingiebu waqt it-trattazzioni ta' dan ir-rikors, l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi s-somma ta' seba' t'elef tliett mija hamsa u ghoxrin ewro u sitta u sebghin centezmu (€ 7,325.76) ndikata fl-ittra ufficiali bin-numru 2696/15 datata 20*

*ta' ottubru 2015 hala infondata u mhux dovuta u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.*

Rat ir-risposta tas-socjeta Automated Revenure Management Services Limited ippresentata fl-01 ta' Dicembru 2015 fejn laqghet ghal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti eccezzjonijiet:

*Illi t-talbiet rikorrenti ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra Stephen Paul Tanti u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *Preliminariament ir-rikors huwa null billi l-okkju ghandu jkun l-istess ta l-ittra ufficjali u mhux kif inhu fir rikors odjern;*

2. *Illi pregudizzju ghas-suespost it-talbiet ta' Stephen Paul Tanti huma infondati fil fatt u fid dritt u dan bla stante li ma sar l-ebda hlas minghand Stephen Paul Tanti ghal-kontijiet li ghadhom pendenti u kwindi kull ammont ghadu dovut;*

3. *Illi l-kontijiet ghadhom intestati fuq Stephen Paul Tanti li min-naha tieghu kellu l-obbligu li jara li jsir it-trasferiment jekk verament ma ghadx ghandu uzu tal proprieta fejn jinsabu dawn il-kontijiet u ghalhekk huwa l-istess Tanti li ghadu l-legittimu kontradittur li ghandu obbligu tal hlas tal-kontijiet de quo*

Semghet ix-xhieda ta' **Steve Ellul**, rappresentant tas-socjeta ARMS Limited, moghtija fl-4 ta' Frar 2016, u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fit 16 ta' Frar 2016 ir-rikorrent tslab il-kjamat in kawza ta' Owen Scicluna u William Micallef, liema talba izda giet michuda fis-26 ta' Jannar 2017.

Rat l-affidavit tar-rikorrent **Stephen Paul Tanti** ippresentat fl-14 ta' April 2016 u d-dokumentazzjoni maghhom annessi.

Semghet ix-xhieda ta' **William Micallef**, prodott mir-rikorrenti fit 2 ta' Gunju 2016.

Rat illi fis 26 ta' Jannar 2016 ir-rikorrenti ddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet il-kontro ezami tar-rikorrent illi saret fit 12 ta' Ottubru 2017, wara liema kontro ezami l-istadju tal-gbir tal-provi inghalaq.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fis 16 ta' Novembru 2017, wara liema data il-kawza giet differia ghas-sentenza ghallum.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi fid 19 ta' Jannar 2005, ir-rikorrent Stephen Tanti kera minghand William Micallef store ossija grocer bl-isem ta' "Harley Store', 27, triq il-Grecja, Naxxar, kif ukoll garage illi kien jinsab gewwa 62, Triq il-Grecja, Naxxar.

Jirrizulta illi, skond tali ftehim, fi klawsola 7 kien hemm pprovdut is-segwenti:

*"Il-kontijiet tad-dawl u ilma tal-meters relattivi kif ukoll tal-kera ghall-istess u l-ispejjez tal-installazzjoni u licenzji huma a karigu unikament tal-inkwilin u dan minn meta jigi iffirmat din il-kirja. Dawna is-servizzzi kif ukoll licenzji jibqghu f'isem is-sis u l-inkwilin*

> *huwa obbligat li jhallas lis-sid fiz-zmien hamest (5) ijiem li dawn il-kontjiet jigi ppresentati lill-inkwilin. Is-sid qieghed jaghti permess lill-inkwilin li japplika bhala substitute". (fol 41)*

Jirrizulta illi sussegwentement, f'Dicembru 2011 huwa gharraf lis-sid illi kien ser jittermina il-kirja u, wara illi nstabet persuna illi kienet ser tiehu l-kirja tal-grocer w il-garage hija, ossija certa Owen Scicluna, il-hanut ittiehed f'idejn l-istess Owen Scicluna fil 15 ta' Dicembru 2011.

Jirrizulta illi, eventwalment, fis 6 ta' Jannar 2012, l-istess Owen Scicluna dahal fi ftehim ma' William Micallef fejn kera il-grocery u l-garage b'effett mill-15 ta' Dicembru 2012 u l-partijiet ftehmu illi:

> *"Hemm servizzi ta' dawl u ilma u dawn iduru fuq l-inkiwilin u l-kirja tal-meters kif ukoll il-konsum relattiv huma a karigu esklussiv tal-inkwilin"*

Jirrizulta illi qabel ma' r-rikorrent ghadda l-hanut u l-garage f'idejn Owen Scicluna, huwa hallas pagament tad-dawl u ilma u kien ghad fadal bilanc li kellu jithallas.

Jirrizulta ukoll illi r-rikorrent beda jigri wara Owen Scicluna varji drabi sabiex huwa jmur mieghu ghand tal-Arms sabiex il-kont tad-dawl u ilma jdur fuq Oliver Scicluna.

Jirrizulta, madanakollu, illi dana Scicluna, filwaqt illi kien jassikura lir-rikorrent illi l-kontijiet kienu qed jithallsu, qatt ma mar flimkien mar-rikorrent sabiex idawwar tali kont.

Jirrizulta illi eventwalment, meta r-rikorrent gie a konoxxenza tal-fatt illi l-kont kien wiehed konsiderevoli, anke in vista tal-fatt illi kien sar jaf illi Owen Scicluna kien ghalaq il-hanut u abbanduna n-negozju.

Jirrizulta illi, fi kliem l-istess rikorrent,

> *"Illi jien kont nkwetajt hafna meta smajt dan u l-ewwel haga li kont ergajt ghamilt kienet dik li mort l-ARMS sabiex nara kif nista nsolvi din il-problema. Illi jien bdejt nitkellem mas-sur Steve Ellul fejn anke kont tlabt illi jinhadem l-ammont li kien dovut minnhi halli jiena nhallas il-pendenza li kien hemm u li kienet tkopri iz zmien illi jien kont ged nuza il-hanut kif ukoll il-garaxx. Illi Steve Ellul kien nfurmani illi hu kien ha notament ta' kollox u nfatti kien nfurmani illi l-ammont li jien kellhi nhallas kien dak ta' disa mija u tletin centezmu (€930) liema ammont jiena hallast. Jien kont dejjem nitkellem ma' Steve Ellul dwar dan u hu kien serrahli mohhi u galli illi I-ARMS Ltd ma kienetx ser tiehu passi fil- konfront tieghi u dan stante illi huma kienu ben konoxxenti tal-fatt illi dak l-ammont mitlub ma kienx konsum tieghi kif ukoll illi l-ammont dovut minnhi kien thallas."*

Jirrizulta illi, mix-xhieda ta' l-istess Steve Ellul, f'Dicembru 2013 kien mgharraf illi Owen Scicluna kien assuma l-kont tad-dawl u ilma u, fi kliem l-istess Ellul:

> *"Dina fit-2013 kont ktibt illi huwa anke hallas il-parti tieghu wkoll jigifieri, u semmieli lil dan certu Owen Scicluna u ghandi address ukoll fejn joqghod."*

Jirrizulta illi fit-18 ta' Dicembru 2014 ir-rikorrent hallas l-ammont ta' €482.77 in rigward tal-kont nru 101000082525 (fol 25) u l-ammont ta' €467.63 in rigward tal-kont nru 101000088160 (fol 27).

Jirrizulta illi, ghalkemm ir-rikorrent kien hallas dawna l-fuq imsemmija ammonti u minkejja illi kien gie infurmat illi dak minnu dovut kien imhallas, fl-20 ta' Ottubru 2015 is-socjeta intimat baghtet l-Ittra Ufficjali meritu tal-kawza odjerna, fejn talbet il-hlas ta' total ta' €7,325.76 dovuti in konnessjoni maz-zewgt kontijiet fuq imsemmija.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrent jikkontendi illi huwa kien hallas dak kollu illi kien dovut lis-socjeta intimata u ghalhekk is-socjeta intimata ma kellhiex ddur fuqu ghall-hlas tal-bilanc, izda kellha ddur fuq terzi persuni.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi s-socjeta intimata qieghda tikkontendi illi r-rikorrent kellu l-obbligu illi jaghmel it-trasferiment tal-kont fuq terzi u, la darba huwa ma ghamilx dan, huwa ghadu responsabbli ghall-kontijiet.

Jirrizulta wkoll illi s-socjeta intimata tikkontendi illi r-rikors huwa null stante illi l-okkju kellu jkun dak ta' l-Ittra Ufficjali u mhux kif redatt.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-Artikolu 174 tal-Kap 12 jghid illi kull skrittura għandu jkun fiha -

> *(a) l-isem tal-qorti u tas-sezzjoni tagħha li fiha tiġi ppreżentata l-iskrittura, u, fil-każ tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), l-indikazzjoni tal-kompetenza tal-qorti;*
>
> *(b) l-isem u l-kunjom tal-parti li tidher u tal-parti li kontra tagħha l-iskrittura ssir, u, meta hu l-każ, l-isem li fih jidhru l-partijiet:*
>
> *Iżda f'kull każ imsemmi fis-subartikolu (1) tal-artikolu 181 ikunu biżżejjed li tissemma' l-kariga tal-parti li tippreżenta jew li kontra tagħha tiġi ppreżentata l-iskrittura, skont il-każ;*
>
> *(ċ) l-isem tal-iskrittura; u*
>
> *(d) jekk l-iskrittura tkun tirreferixxi għal kawża ġa mressqa f'waħda mill-qrati superjuri, in-numru tar-rikors ġuramentat li għalihom tkun tirriferixxi.*

Jirrizulta illi fir-rikors promotur hemm indikat il-kawza ossija l-Ittra Ufficjali li fl-atti taghha qieghdin jsiru l-proceduri odjerni.

Jirrizulta illi hemm ukoll indikazzjoni ghall-Qorti kif ukoll ghall parti illi qieghda tniedi l-proceduri u l-parti illi kontra taghha tali proceduri gew intavolati.

Jirrizulta, ghalhekk, illi d-dettalji kollha rikjesti mill-Ligi gew ottemperati.

Ghalhekk, tali eccezzjoni ma tirrizultax ippruvata.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi ir-rikorrenti jikkontendi illi huwa hallas ghal dak kollu minnu dovut filwaqt illi s-socjeta intimata tikkontendi illi la darba huwa ma ghamel ebda trasferiment tal-kont, dana ghadu responsabbli ghalih hu.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi s-socjeta intimata, tul il-proceduri kollha odjerni, ma ressqet ebda prova biex turi illi z-zewgt kontijiet meritu tal-Ittra Ufficjali taghhom, ossija il-kont bin-numru 101000082525 dwar il-fond 27, Stop N Pick, Triq il-Grecja, Naxxar u il-kont bin-numru 101000088160 dwar il-fond bl-indirizz Garage 62, Triq il-Grecia, Naxxar kienu kontijiet illi ghalihom ir-rikorrent kien assuma r-responsabbilta' u li, ghalhekk, kienu fuq isem ir-rikorrent – l-unika prova illi ressqet kienu zewgt statements taz-zewgt kontijiet u xejn aktar.

Mill-banda l-ohra, jidher illi, ghalkemm ir-rikorrent ma huwiex qieghed jikkontendi illi dawna l-kontijiet kienu fuq ismu, huwa qieghed jinsisti illi kien hallas dak minnu dovut u kien mgharraf illi ma kienux ser imexxu kontra tieghu.

Il-Qorti, f'dana l-istadju, taghmel referenza ghall-insejament tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali), fil-kawza fl-ismijiet "**William Apap vs Joseph Galea noe et**" deċiża fis-26 ta' Novembru, 1986 fejn inghad li:

> *"... jekk id-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaċċettah b'kondizzjonijiet u riservi li neċessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu".*

Dwar tali principju, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza taghha fl-ismijiet "**Johann Schembri pro et noe vs. Charlot Mifsud pro et noe et**" deciza fid-19 t'Ottubru, 2005 irrilevat is-segwenti:

> *"B'danakollu lanqas ma ghandu jigi pretiz illi l-kreditur ghall-fatt li accetta l-hlas li sarlu, gie li rrinunzja ghal kull bilanc lilu dovut. Huwa veru li in linea ta' massima hu prezunt li min jaccetta, u jsarraf ukoll, cheque lilu mibghut fit-termini "full and final settlement" jigi li hu rcieva pagament f'dawk l-istess termini precizi. Dan jibqa' hekk pero` sakemm ma jigi muri illi min ircevih ipprotesta dwar hlas ghal dan fil - mument opportun";*

Jirrizulta car, fil-kaz odjern, illi r-rikorrent kien mar gewwa l-ufficini tas-socjeta intimata sabiex jivverifika l-bilanc illi kien minnu dovut qabel ma huwa ceda l-grocer u l-garage lill Owen Scicluna u jirrizulta wkoll li l-bilanc li kien esistenti fit-19 ta' Dicembru 2011 meta huwa kien gia ceda l-hanut u l-garage kien thallas mill-istess rikorrent fit-13 ta' Dicembru 2014.

Jirrizulta wkoll illi s-socjeta intimata kienet ben konxja tal-fatt illi Owen Scicluna kien assuma l-kontijiet tal-grocer u tal-garage u ghalkemm ma gewx iffirmat l-formuli amministrattivi illi l-istess socjeta intimata tadotta sabiex il-kont jinqaleb ufficjalment minghand ir-rikorrent ghal fuq Owen Scicluna, hija kienet ben a korrent tal-fatt illi sar tali tibdil u, di fatti, ittiehed notament ta' dana wkoll.

Jirrizulta, ghalhekk, illi huwa car illi r-rikorrent kien hallas dak illi huwa kien qieghed jikkontendi illi kien minnu dovut u s-socjeta intimata accettat tali hlas bhala il-hlas tal-bilanc minnu dovut, u dana jirrizulta car mix-xhieda tar-rappresentant tas-socjeta intimata.

Ghalhekk, jidher car illi dak dovut mir-rikorrent attwalment thallas minnu u ghalhekk huwa ma ghandu ebda somma ohra dovuta in konnessjoni mal-kontijiet bin-numru 101000082525 dwar il-

fond 27, Stop N Pick, Triq il-Grecja, Naxxar u il-kont bin-numru 101000088160 dwar il-fond bl-indirizz Garage 62, Triq il-Grecia, Naxxar.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta intimata,

**Tilqa** t-talba rikorrenti u ghalhekk

**Tiddikjara** id-Dikjarazzjoni Guramentata datata 19 ta' Ottubru 2015 u notifikata lir-rikorrent permezz ta' Ittra Ufficjali datata 20 ta' Ottubru 2015 bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni ikunu a kariku tas-socjeta intimata.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur